TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 23/15/F

**Marc Jean Anastasi**

**vs**

**Central Trading Co. Ltd.**

Illum 14 ta' Lulju, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-22 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' seba' mitt ewro (€700), rappreżentanti prezz ta' *airconditioner* li twaħħal fil-kamra tas-sodda u li qed jagħmel ħafna ħsejjes mhux normali.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xatra *airconditioner* mingħand id-ditta intimata u irriżulta illi l-ħoss li beda ħiereġ mill-*airconditioner* huwa ta' 49db, li huwa 'l fuq minn dak aċċettabbli li huwa dak ta' 32db.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal, jinnota li sal-ħin tas-seduta l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, jinnota illi huwa minnu li l-ħoss ta' 49db mhuwiex aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' ħames mitt ewro (€500), u b'dan illi l-*airconditioner* jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**